**Il-Ħamis, 4 ta' Settembru 2008**

## 11. L-eżekuzzjonijiet fl-Iran

*Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni: (B6-0389/2008, B6-0394/2008, B6-0400/2008, B6-0401/2008, B6-0403/2008, B6-0404/2008)*

| Suġġett | Em nru | Awtur | VSI eċċ. | Votazzjoni | VSI /VE — rimarki |
|---|---|---|---|---|---|
| ***Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta RC-B6-0389/2008 (PPE-DE, PSE, ALDE, UEN, Verts/ALE, GUE/NGL)*** | | | | | |
| § 9 a | | CAPPATO | | + | ***em orali*** |
| § 9 b | | CAPPATO | | + | ***em orali*** |
| Premessa K | § | ***test oriġinali*** | | + | ***emenda orali*** |
| § 9 | § | ***test oriġinali*** | | + | ***emenda orali*** |
| ***votazzjoni: riżoluzzjoni (sħiħa)*** | | | | + | |
| ***Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mill-gruppi politiċi*** | | | | | |
| B6-0389/2008 | | PSE | | ↓ | |
| B6-0394/2008 | | PPE-DE | | ↓ | |
| B6-0400/2008 | | ALDE | | ↓ | |
| B6-0401/2008 | | GUE/NGL | | ↓ | |
| B6-0403/2008 | | Verts/ALE | | ↓ | |
| B6-0404/2008 | | UEN | | ↓ | |

*Varji*

Marco Cappato ppreżenta l-emendi orali li ġejjin wara l-paragrafu 9:

9a. Isejjaħ għall-preżentazzjoni ta' riżoluzzjoni, fl-Assemblea Ġenerali li jmiss tan-NU, b' talba lill-pajjiżi kollha li għad għandhom il-piena tal-mewt biex ipoġġu għad-dispożizzjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u tal-fehma pubblika it-tagħrif kollu dwar il-piena kapitali u l-eżekuzzjonijiet, sabiex b'hekk jitneħħa is-sigriet ta' l-Istat fuq il-piena tal-mewt, li hija wkoll kaġun dirett ta' numru akbar ta' eżekuzzjonijiet;

9b. Isejjaħ għal riżoluzzjoni ġdida sabiex tipprovdi għall-ħolqien il-figura ta' Mibgħut Speċjali tas-Segretarju Ġenerali, bid-dover li jimmonitorja s-sitwazzjoni, li jiżgura il-massimu tat-trasparenza fis-sistema tal-piena kapitali u li jiffavorixxi proċess intern immirat lejn l-implimentazzjoni tar-riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-moratorju fuq l-eżekuzzjonijiet.

Tunne Kelam ressaq l-emenda orali li ġejja għall-Premessa K:

K. billi hemm lok għal tħassib li membri u soċji tal-oppożizzjoni Iranjana li huma miġbura u protetti fil-Kamp Ashraf fit-Tramuntana tal-Iraq mill-forzi multinazzjonali mmexxija mill-Istati Uniti skond l-Artikolu 27 tar-Raba' Konvenzjoni ta' Ġinevra jistgħu jkunu mhedda li jkunu mkeċċija jew mġiegħla jmorru lura l-Iran, fejn jistgħu jiffaċċjaw persekuzzjoni qawwija u anke possibilment il-piena tal-mewt,

Alain Hutchinson ippreżenta l-emenda orali li ġejja għall-paragrafu 9:

9. Jistieden lill-awtoritajiet Iraqini u tal-Istati Uniti biex ma jibagħtux lura bil-forza lejn l-Iran lil membri ta' l-oppożizzjoni u r-refuġjati Iranjani u lil persuni Iranjani li qed ifittxu l-kenn li jkunu f'riskju serju ta' persekuzzjoni u, b'mod partikulari, biex jaħdmu flimkien mal-UNHCR u ma' organizzazzjonijiet oħra biex tinstab soluzzjoni dewwiema għas-sitwazzjoni ta' dawk il-persuni li bħalissa qegħdin f'Camp Ashraf;

## 12. Il-qtil tal-albini fit-Tanżanija

*Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni: (B6-0387/2008, B6-0390/2008, B6-0391/2008, B6-0405/2008, B6-0406/2008, B6-0407/2008)*

| Suġġett | Em nru | Awtur | VSI eċċ. | Votazzjoni | VSI /VE — rimarki |
|---|---|---|---|---|---|
| ***Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta RC-B6-0387/2008 (PPE-DE, PSE, ALDE, UEN, Verts/ALE, GUE/NGL)*** | | | | | |
| ***votazzjoni: riżoluzzjoni (sħiħa)*** | | | VSI | + | 93, 0, 0 |
| ***Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mill-gruppi politiċi*** | | | | | |
| B6-0387/2008 | | PSE | | ↓ | |
| B6-0390/2008 | | UEN | | ↓ | |
| B6-0391/2008 | | PPE-DE | | ↓ | |
| B6-0405/2008 | | ALDE | | ↓ | |
| B6-0406/2008 | | GUE/NGL | | ↓ | |
| B6-0407/2008 | | Verts/ALE | | ↓ | |

*Talbiet għal votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet*

PPE-DE: votazzjoni finali